

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 95(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Jannar 2019 – View vs EUIPO (CREATE DELIGHTFUL HUMAN ENVIRONMENTS)**(Kawża T-49/19)**

(2019/C 103/71)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrenti: View, Inc. (Milpitas, Delaware, l-Istati Uniti) (rappreżentant: G. Tritton, Barrister)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: ir-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark verbali li tindika l-Unjoni Ewropea "CREATE DELIGHTFUL HUMAN ENVIRONMENTS" – ir-reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Unjoni Ewropea Nru 1 381 213

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-27 ta' Novembru 2018 fil-Każ R 1625/2018-2

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Jannar 2019 – Casual Dreams vs EUIPO – López Fernández (Dayaday)**(Kawża T-50/19)**

(2019/C 103/72)

*Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol***Partijiet**

Rikorrenti: Casual Dreams, SLU (Manresa, Spanja) (rappreżentant: A. Tarí Lázaro, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Miguel Ángel López Fernández (Fuensalida, Spanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea Dayaday – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 243 563

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-16 ta' Novembru 2018 fil-Każ R 2097/2018-5

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla parzjalment id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell mogħtija fis-27 ta' Novembru 2018 fil-Każ R 2097/2018-5, li tiċħad parzjalment ir-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tal-EUIPO Nru B 2 469 545 tas-17 ta' Diċembru 2015.
- tannulla parzjalment id-deċiżjoni kkontestata abbażi tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament dwar it-trade mark tal-Unjoni Ewropea, sa fejn din ikkonfermat iċ-ċaħda tal-oppożizzjoni u tar-rikors għall-klassijiet 9, 16 u 24.
- tiċħad it-talba għar-reġistrazzjoni tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 13 243 563, imressqa mill-intervenjenti għas-segwenti prodotti:
 - Klassi 9: “Appart ottiku, appart li jtejjeb il-vista, appart li jikkoreġi l-vista; Apparat li jtejjeb il-vista; Oġġetti marbuta mal-vista; Apparat ottiku u strumenti ottiċi; Lenti ottika; Lentijiet interkambjabbli; Lentijiet anti-riflettivi; Lentijiet tal-plastik; Lentijiet oftalmiċi; Lentijiet ottiċi; Lentijiet; Nuċċalijiet tax-xemx; Nuċċalijiet korrettivi; Kaxxi tan-nuċċalijiet tax-xemx; Lentijiet korrettivi [ottiċi]; Lentijiet oftalmiċi tal-ħġieġ; Frejms tan-nuċċalijiet u tan-nuċċalijiet tax-xemx; Ktajjen għal nuċċalijiet tax-xemx; Nuċċalijiet tax-xemx clip-on; Straps għal nuċċalijiet tax-xemx; Lentijiet għal nuċċalijiet tax-xemx; Lentijiet ottiċi li jintużaw f'nuċċalijiet tax-xemx; Frejms tan-nuċċalijiet tax-xemx; Nuċċalijiet bi preskrizzjoni tat-tabib; Ktajjen għal pince-nez; Kordi tal-pince-nez; Lentijiet għal nuċċalijiet tal-vista; Nuċċalijiet tal-vista; Kontenituri tal-lentijiet tal-kuntatt; Kaxxi adattati għal lentijiet tal-kuntatt; Kaxxi tan-nuċċalijiet; Kaxxi għal-lentijiet; Kontenituri tal-lentijiet tal-kuntatt; Nuċċalijiet [tal-vista]; Nuċċalijiet għall-qari; Nuċċalijiet tat-tfal; Nuċċalijiet polarizzanti; Frejms tan-nuċċalijiet; Frejms tan-nuċċalijiet mhux immuntati; vireg tan-nuċċalijiet; Ilqugħ protettiv għan-nuċċalijiet; Holders tan-nuċċalijiet; Nuċċalijiet [tal-vista]; Nuċċalijiet tal-vista; Nuċċalijiet korrettivi; Holders tan-nuċċalijiet; Nuċċalijiet tal-borra; Nuċċalijiet taċ-ċiklisti; Frejms tan-nuċċalijiet; Ktajjen tal-pince-nez; Nuċċalijiet tal-isport; Kaxxi tan-nuċċalijiet; Frejms tan-nuċċalijiet tax-xemx; Nuċċalijiet tal-borra; Nuċċalijiet tal-għawm; Nuċċalijiet tal-isport; Nuċċalijiet tal-isport”.
 - Klassi 16: “Kolol għall-kartollerija u għal użu domestiku; Xogħolijiet artistiki u figurini tal-karta u tal-kartun, mudelli arkitettoniċi; provvisti tal-kartollerija; Portmonis; Kolol għall-kartollerija; Basktijiet u boroż tla-karti; Kotba tal-appuntamenti; Katalogi; Djarji miksija bil-ġilda; Riklami stampati; Stands tar-ritratti; Tagħmir tal-istampar u tal-illegar; Strumenti tal-kitba u tal-istampar; Tagħmir edukattiv; Skieken (Karti -) [ħtiġijiet tal-uffiċċju]; Djarji; Reċipjenti tal-iskrivaniġa; Kartollerija; Ĥtiġijiet tal-uffiċċju; Materjali tal-kitba; Kartollerija tal-kitba; Kartollerija tal-uffiċċju; Provvisti tal-iskola [kartollerija]; Bookends; Reċipjenti tal-pinen.

- Klassi 24: “Tessuti; Purtieri; Għatiet tal-għamara; Affarijiet tat-tessut għal użu domestiku; Affarijiet tat-tessut għal użu domestiku magħmula minn materjali mhux minsuġ; Bjankerija; Oġġetti li jiddendlu mal-ħajt; Arredamenti dekorattivi; Affarijiet tat-tessut magħmula minn materjali mhux minsuġ; Inforri magħmula minn tessuti mhux minsuġa; Inforri tal-kpiepel, Inforri [tessut]; Imkatar tat-tessut; Imkatar tat-tessut; Affarijiet tat-tessut, mhux inklużi fi klassijiet oħra; Imkatar; Tessuti magħmula minn xoqqa; Tessuti tal-flanella; Tessuti dekorattivi; Svieret tal-ħasil; Srievet [tessut] għall-użu fil-kċina; Tessuti, mhux inklużi fi klassijiet oħra; tessuti ta’ bejn uċuħ tla-ħjata; Suf magħmul mill-polipropilin; Suf magħmul mill-polijester; Inforri għall-ħwejjeġ; Foulard [tessut]; Tessut tal-qoton bil-biċċa; Tessut sintetiku bil-biċċa; Tessut bil-biċċa; Kanvas; Materjali għal arredamenti dekorattivi; Materjali użati fil-produzzjoni tal-ħwejjeġ; Materjali għall-ilbiesi [tessut]; Tessuti għall-produzzjoni ta’ ħwejjeġ; Tessuti għall-produzzjoni ta’ affarijiet tat-tessut għal użu domestiku; Tessut għall-produzzjoni ta’ ħwejjeġ tal-isport; Tessuti għall-produzzjoni ta’ ħwejjeġ; Tessuti għall-produzzjoni ta’ portafolli; Tessut li jimita l-ġilda tal-annimali; Tessuti għall-produzzjoni ta’ ħwejjeġ tan-nisa; Tessut tal-jeans; Tessuti għall-produzzjoni ta’ tagħmir ortopediku; Tessut li ma jixxarabx għall-produzzjoni ta’ qliezet; Tessut li ma jixxarabx għall-produzzjoni ta’ ġġieget; Tessut li ma jixxarabx għall-produzzjoni ta’ kpiepel; Tessut li ma jixxarabx għall-produzzjoni ta’ ingwanti; Tessuti li jintużaw bħala inforra fil-ħwejjeġ; Tessuti tal-ħwejjeġ; Tessuti miksija għall-produzzjoni ta’ oġġetti tal-ġilda; Tessuti miksija għall-produzzjoni ta’ ħwejjeġ tax-xita; Tessuti li jimitaw l-ġilda tal-annimali; Tessuti li ma jixxarabx iżda li tgħaddi l-umdiċa minnhom; Tessut għall-produzzjoni tax-xugamani”.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) u (5) tar-Regolament (UE) Nru 2017/1001 tal-Parlament u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fid-29 ta’ Jannar 2019 – Laboratories Ern vs EUIPO – SBS Bilimsel Bio Çözümler Sanayi Ve Ticaret (apiheal)

(Kawża T-51/19)

(2019/C 103/73)

Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Laboratories Ern, SA (Barcelona, Spanja) (rappreżentant: S. Correa Rodríguez, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: SBS Bilimsel Bio Çözümler Sanayi Ve Ticaret AŞ (Istanbul, it-Turkija)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea “apiheal” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 14 411 557

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta’ oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-19 ta’ Novembru 2018 fil-Każ R 1725/2017-4